MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 1011/2006

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Schembri Infrastructures Ltd**
**gia General Road Servicing Ltd (C17388)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Novembru 2006, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' elf disa` mija u tlieta u erbghin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€1943.75) in kwantu ghal elf disa` mija u tmintax Euro u tnax-il centezmu (€1918.12) in konnessjoni ma' hsarat ikkagunati lill-infrastruttura tas-socjeta` attrici waqt xogholijiet fi Triq l-Imdina, Zebbug f'Mejju 2005 u dan skond fattura bir-riferenza MC00201 datata 12 ta' Settembru 2005 u ghal hamsa u ghoxrin Euro u tnejn u

sittin centezmu (€25.62) in konnessjoni ma’ ittra ufficcjali mahruga fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bir-riferenza 3020/06 debitament notifikata.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni. Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ghaldaqstant is-socjeta` attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex:
(i) jiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli tal-hsarat minnha kkawzati lill-infrastruttura tas-socjeta` attrici
(ii) jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont kif mitlub, inkluz l-ispejjez u l-imghaxijiet legali dekorrendo mit-12 ta’ Settembru 2005.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` konvenuta pprezentata nhar id-29 ta’ Novembru 2006 li permezz taghha eccepiet (1) illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda kontra taghha stante illi ghall-incident li fih l-attrici tallega li soffriet il-hsara msemmija fl-avviz tat-talba, s-socjeta` eccipjenti ma kellha l-ebda htija. (2) Salv kull eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra n-**Nota** tas-socjeta` attrici pprezentata fis-7 ta’ Frar 2007 li permezz taghha esebiet Dok KG1 – Dok KG9.

Sema` x-xhieda ta’ **PS 1579 Johann Mifsud** waqt is-seduta tal-15 ta’ Marzu 2007, li pprezenta wkoll Dok JM.

Sema` x-xhieda ta’ **Joseph Chircop**, rapprezentant tal-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta li waqt is-seduta tal-15 ta’ Marzu 2007 xehed illi b’referenza ghall-permessi 1912/04 u 242/05 huwa esebixxa d-dokumentazzjoni kollha relattiva sett JC1 u JC2. F’dawn id-dokumenti wiehed isib l-applikazzjonijiet, l-*acknowledgments* ghal tali applikazzjonijiet, il-permessi kif inhargu u d-dettalji kollha relevanti, nkluz il-kundizzjonijiet taht liema nhareg il-permess.

Huwa jghid li l-perit tal-ADT inkarigat fuq il-lant tax-xoghol kien il-Perit Robert Zerafa.

Sema` x-xhieda tal-**Perit Robert Zerafa**, li waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2007 qal illi huwa impjegat tal-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta. Huwa kien il-Perit inkarigat bhala *Project Manager* fuq dawn ix-xogholijiet mertu tal-kawza u peress illi kien progett ta' skala kbira l-Awtorita` kienet ikkuntrattat tlett Periti bhala Supervisors. Fuq dawn ix-xogholijiet partikolari kien hemm inkarigat bhala Supervisor l-ufficcju tal-Perit Edwin Mintoff u kien jirrapprezenta lil dak l-ufficcju il-Perit William Lewis. Huwa jghid li kien jaf illi kien hemm xi hsarat pero` ma jafx id-dettalji.

Ra n-**Nota** tas-socjeta` attrici pprezentata fis-27 ta' Gunju 2007 li permezz taghha gew esebiti ritratti Dok KG10-12.

Sema` x-xhieda ta' **Brian Brincat** li waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju 2007 qal illi huwa *technical executive* mas-socjeta` attrici inkarigat mis-*Satellite Exchange Areas*. Fuq il-kaz partikolari huwa jaf li kien ircieva telefonata minghand l-Overseer li nfurmah li kien intlaqat cable mill-kuntrattur illi kien qed jaghmel xoghol fuq is-site in kwistjoni. Huwa ghamel rapport l-ghassa u organizza n-nies sabiex isiru t-tiswijiet necessarji. Muri Dok KG4 huwa jaghraf il-firma tieghu u jaghraf id-dokument bhala tieghu. Mistoqsi kif kien jaf min kien il-kuntrattur, huwa jghid li kien mar fuq il-post u vverifika u kkonferma illi l-kuntrattur kien General Road Services Limited.

In kontro-ezami ix-xhud jghid li l-incident sehh fid-dahla ta' Haz-Zebbug, fl-akkwati tat-Toyota Showroom. Jghid illi ma jistax jghid li ra l-marki illi ghamlu n-nies taghhom qabel ma nbdew ix-xogholijiet il-ghaliex ma rahomx, pero` mill-verifiki illi ghamel irrizulta illi kienu saru. Huwa vverifika mal-*Overseer Section*.

Sema` x-xhieda ta' **Joseph Bonnici,** li waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju 2007 qal illi huwa jokkupa l-kariga tal-Overseer mas-socjeta` attrici. Muri Dok KG5 huwa jghid li jaghraf il-firma tieghu.

Huwa jghid li fuq is-sit in kwistjoni kien immarka il-cable minn fejn kien ghaddej. Huwa segwa l-kuntrattur ukoll waqt il-hin tax-xoghol tieghu. Jghid ukoll li l-cable kienu kixfuh u meta f'hin minnhom kien ftit il-boghod minnu, kien mar fuqu wiehed mill-lavranti illi kienu qed jahdmu u qalli "ilqattu" u x-xhud kien qalli "lqattu meta mikxuf".

Ix-xhud jghid li l-kuntrattur kien ta' Schembri u jaf illi dan kien lavrant tieghu – Schembri General Roads. Huwa jghid li Dok KG5 kitibulu Victor Bugeja pero` hu kien iffirma ghax accetta dak kollu li hemm imnizzel. Wara li ssewwa l-cable u ntradam, kien qed isiru xogholijiet ta' tapping ta' l-ilma u fl-istess post preciza, il-cable rega` ntlaqat. Ix-xogholijiet kienu qeghdin isiru mill-istess kuntrattur Schembri u ghadda trapass ta' madwar tlett gimghat.

In kontro-ezami ix-xhud jghid illi l-post kien hdejn ir-roundabout ta' Haz Zebbug. Il-markings tat-toroq jaghmilhom huwa stess bhala Overseer. Waqt li jkun qed jaghmel il-marki jkun hemm id-Direttur tal-kumpanija jew inkella jibghat il-Perit. F'dan il-kaz ma jiftakarx min kien hemm.

Huwa jghid illi huma jimmarkaw bil-kejl fuq ir-run tal-cable minn fejn ikun ghaddej. Galadarba huwa jkun ghamel il-marki, min ihaffer irid joqghod attent ghal marki li jkun ghamillu. Huwa jghid li ma jkunx qed jimmarka l-fond tal-cable mill-wicc ta' l-art. Normalment jekk il-fond ikun ta' zewg piedi ikun tajjeb. F'dan il-kaz jiftakar li kien izjed minn zewg piedi. Il-cable inkixef mill-istess zewg haddiema tal-kuntrattur li kienu qed jahdmu. Fil-kaz in kwistjoni li gara kien li wara li nkixef il-cable gew biex jghaddu l-medda tal-katusi ta' l-ilma, kien hemm bicca blata li minhabba fiha ma setghetx tghaddi l-katusa, gew biex icaqqmu dik il-blata u f'dak il-mument intlaqat il-cable.

Ix-xhud izid illi fil-mument li l-cable inkixef, huwa gibed l-attenzjoni biex ix-xoghol isir bl-idejn pero` x-xoghol kien qed isir bil-makkinarju. Huwa rahom jahdmu bil-makkinarju. Huwa jghid li meta sejhulu biex jghidulu li

laqtu l-cable, huwa kien gharrafhom illi jekk kienu qed jahdmu bil-makkinarju hekk kien se jigri u qallu “iva, zelaqli l-musmar u lqattu.”

Sema` x-xhieda ta’ **Victor Busuttil** li waqt is-seduta tal-15 ta’ Novembru 2007 qal illi huwa mpjegat mas-socjeta` attrici bhala *senior technical officer* fis-sezzjoni tal-*overseers section*, sezzjoni li tiehu hsieb li tibghat in-nies fuq is-siti fejn ikunu sejrin xi xogholijiet fit-toroq biex jigu mmarkati l-cables min fejn ghaddejjin. Huwa kellu talba sabiex jibghat nies tieghu fuq is-sit mertu tal-kawza u Joseph Bonnici li xehed precedentement kien wiehed mit-team tieghu.

Huwa jikkonferma li d-dokument a fol 28 tal-process kitbu hu ghan-nom ta’ Joe Bonnici. Muri dokument pprezentat mill-ADT a fol 65 tal-process, jispjega illi llum hemm sistema kompjuterizzatali permezz taghha l-application form tal-kuntrattur iddur l-entitajiet kollha li jistghu ikunu kkoncernati. Meta tidhol ghandhom bhala Maltacom huma jnizzlu l-kummenti taghhom u filfatt jara n-notamenti tieghu u jaghmel referenza ghal GT1798/01 li huma l-kundizzjonijiet tal-Maltacom li huma registrati wkoll l-ADT u kull kuntrattur ghandu joqghod ghal dawk il-kundizzjonijiet. Huwa jikkonferma li d-dokument a fol 24 tal-process huma r-regolamenti li semma`.

Sema` x-xhieda ta’ **Edward Schembri** li waqt is-seduta tas-17 ta’ April 2008 qal illi huwa wiehed mid-diretturi tas-socjeta` konvenuta. Fil-mument tal-incident huwa kien prezenti. Ix-xoghol kien qed isir fuq main ta’ l-ilma u kienu qeghdin jikxfu l-main ta’ l-ilma meta nizlu madwar pied u nofs mil-livell tat-triq, intlaqtu zewg pajpijiet tal-plastik li ma kinux koperti bil-konkos. Huwa jghid li wara li ntlaqtu l-pajpijiet u xi cables li kienu ghaddejjin indunaw li kienu cables tal-Maltacom. Huwa jghid li ssoltu dawn ikunu mghottijin bil-konkos u jkollhom anke tape fuq il-konkos. Il-marki tal-Maltacom kienu spustjati madwar metru ‘l hinn minn fejn intlaqat il-cable. Kienu qed juzaw *mini escavator* sabiex jaghmlu x-xogholijiet li kienu qed jaghmlu.

Ix-xhud jghid li huma jkunu qed juzaw bucket bla snin biex ma jingirifx  il-konkos li jinstab u jkun hemm persuna ohra apparti dak li jkun qed isuq il-makkinarju li jkun qed isegwi x-xogholijiet. Huwa jghid li ghandu amment li persuna ohra li kienet fuq il-post kien Stephen Scicluna. Il-mini excavator kien ihossu kieku kien hemm mil-konkos izda dan kien pipe tal-plastik u kif intmiss infaqa`.

In kontro-ezami x-xhud jghid illi kien Stephen Scicluna li kien qed jopera l-makkinarju. Huwa jghid li ma jidhirlux li fl-istess akkwati tal-incident kienu ikkawzaw incident iehor. Muri r-rapport a fol 5 jghid li dan kien fl-istess zona izda mhux l-istess post. Huwa jispjega li x-xoghol kien qed ikun madwar kilometru u nofs. Jghid li dan l-incident sehh vicin ir-roundabout ta’ Cortis u ghalhekk meta qed jigi suggerit illi la laqtghu l-ewwel cable setghu jafu li kien hemm cables huwa jghid li dan mhux necessarju minhabba d-distanza li kien hemm bejn iz-zewg incidenti. Huwa jghid li f’esperjenza ta’ ghaxar snin dejjem sabu l-konkrete u t-tape fuq il-pajpijiet tal-Maltacom.

Ra n-**nota ta’ sottomissjonijiet finali tas-socjeta` attrici**.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

Illi bil-ligi taghna u kif kostantament irritenew il-Qrati taghna, il-grad tal-kolpa li ggib ir-responsabbilta` ghad-danni ai termini ta’ l-Artikolu  1032(1) tal-Kap 16 hu illi hemm kolpa ghal min ma juzax il-prudenza, diligenza u attenzjoni tal-bonus pater familias.

Illi l-Artiklu 1031 ighid ukoll illi kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu.

Huwa dan illi jrid jissindika dan it-Tribunal – il-hsara sofferta mis-socjeta` attrici huwa rizultat ta’ agir u azzjoni li saret mis-socjeta` konvenuta ghax din ta’ l-ahhar ma uzatx il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta’ bonus pater familias?

Ghax jekk jirrizulta illi s-socjeta` konvenuta hadmet b'ghaqal, attenzjoni u diligenza, allura ma ghandiex htija u ma ghandiex twiegeb hi ghall-hsarat maghmula – izda minn naha l-ohra jekk mill-provi prodotti jirrizulta illi l-hsara hija konsegwenza ta' nuqqas ta' attenzjoni, diligenza u prudenza da parti tas-socjeta` konvenuta, allura f'dak il-kaz, iva, trid tirrispondi hi ghax htija taghha ai termini tal-ligi.

Illi mill-provi prodotti u mressqa mis-socjeta` attrici jirrizulta illi kienu saru l-marki ta' fejn kienu ghaddejjin il-cables, inkluz dak milqut, u dawn saru fil-presenza ta' rappresentant tas-socjeta` konvenuta. Jirrizulta ukoll illi l-cables milquta kienu aktar minn zewg piedi l-isfel taht il-livell tat-triq u li l-kuntrattur kien qed jahdem b'makkinarju u mhux b'ghodda ta' l-idejn.

Illi mill-provi mressqa mis-socjeta` konvenuta, konsistenti unikament minn xhiedha ta' direttur wiehed, jirrizulta illi in effetti kien qed jintuza makkinarju, izda dan kien *mini excavator*. Jirrizulta ukoll illi l-medda tal-cables milquta ma kienitx aktar minn pied u nofs l-isfel u kienet madwar metru lil hinn mill-marki maghmula mis-socjeta` attrici. Jghid ukoll illi ma kienx hemm konkos fuq il-pipe milqut u illi ma kienx hemm tape kif solament ikun hemm biex jindika illi hemm cables ghaddejjin.

Illi din ix-xhieda b'ebda mod ma giet korroborata, la b'xhieda ohra, la b'dokumenti, la b'rapporti peritali li setghu isiru fuq il-lant fil-mument tal-incident u lanqas b'ritratti jew provi ohra - anke jekk l-unika eccezzjoni mressqa mill-istess socjeta` konvenuta kienet appuntu illi hija ma ghandha ebda htija ghall-hsarat allegati.

F'dan il-kuntest ghalhekk, it-Tribunal irid jirrimarka illi l-versjoni moghtija mir-rappresentant tas-socjeta` konvenuta ma tistghax titqies ppruvata sodisfacentament fil-grad ta' probabilita` - li kieku forsi setghet twassal lit-Tribunal jikkonkludi illi l-incident ma sehhx htija tas-socjeta` konvenuta. Kien jiswa` hafna lis-socjeta` konvenuta, li kieku kellha fil-mument ta' l-incident,

tiddokumenta b'rapport peritali, b'ritratti jew bi prova ohra dak li xehed id-direttur taghha f'dawn il-proceduri.

Jimmilita` dejjem kontra s-socjeta` konvenuta jibqa` l-fatt ukoll pero` illi din kienet qed tuza makkinarju vicin il-cables meta in effetti kellha tuza ghodda ta' l-id. Anke fuq dan, hemm sentenzi kostanti li jghidu illi dan il-fatt, jekk jirrizulta, jimmilita` dejjem kontra d-difiza tas-socjeta` konvenuta ta' nuqqas ta' htija.

Dwar il-quantum tas-somma mitluba, din ma gietx kkontestata u s-socjeta` attrici esebiet statement (a fol 6) li ma giex lanqas kkontestat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, it-Tribunal, wara li kkunsidra ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-provi kollha prodotti u ghamel apprezzament ta' l-istess, u ra d-dokumenti kollha esebiti, jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lil dik attrici is-somma ta'  elf disa` mija u tlieta u erbghin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€1943.75) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz, bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-istess Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------